**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-14 ta' Gunju 2023**

**Rikors Numru : 46/2021 JPG**
**Kawza Numru : 20**

**AC**
**Vs**
**MC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AC datat 8 ta' Frar 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-l-kontendenti zzewgu fil-Knisja Parrokjali tal-Fgura fil-25 ta' Dicembru 1981 (hawn anness certifikat taz-zwieg Dok A) u minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tlett itfal li huma JC mizzewga M, RC mizzewga S u KC li kollha huma maggorenni;*

2. *Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenut;*

3. *Illi l-problemi matrimonjali bdew mill-bidu net taz-zwieg izda madwar tlett snin ilu minhabba inkompatibilita' ta' karattru bejn il-partijiet aggravati tant li minhabba aggressjoni fizika li sar fuq fil-persuna ta' AC mill-konvenut, it-tifel*

*taghhom KC sabiex jiddefendi l-ommi spicca qala' daqqa ta' sikkina minn ghand missieru. Illi l-konvenut kien tressaq il-Qorti fuq l-aggressjoni li kien ghamel fuq ibnu;*

4. *Illi s-sitwazzjoni kompliet sejra ghall-aghar fejn f'Mejju tas-sena 2020, il-konvenut rega' uzu l-vjolenza fuq il-persuna ta' AC fejn kellhom jintervjenu l-Pulizija u ittiehed gewwa l-isptar Monte Carmeli;*

5. *Illi ghalkemm l-attrici pruvat issalva z-zwieg taghha dan ma kienx aktar possibbli minhabba l-attegjament aggressiv tal-konvenut;*

6. *Illi l-proceduri ta' medjazzjoni fallew ghaliex il-konvenut qatt ma resaq jew ressaq proposta wahda ghal ftehim bonarju;*

7. *Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Dicembru 2020 (dok B);*

*Ghaldaqstant l-attrici titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu u l-familja taghha;*

2. *Tawtorizza lill-attrici tghix tghix separatament mill-konvenut zewgha;*

3. *Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Tittermina u tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti u kull kommunjoni ta' proprjeta' ezistenti bejn il-kontendenti, u tordna li l-oggetti hekk appartenenti kommunament lill-kontendenti jigu maqsuma f'zewg prozjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista inter alia tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kkunsidrat li minnu kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u -*

*ohra lill-konvenut;*

5. *Tikkundanna lil konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha partikolari ossija parafernali taghha li jinsabu fil-pussess tieghu jew altrimenti godiet minnhu;*

6. *Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-procedura ta' medjazzjoni kontra l-konvenut illi minn issa qieghed jigi ingunt in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma ntavala ebda risposta u baqa' kontumaci;

Rat il-fakolta akkordata minn din il-Qorti lill-intimat li jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu fi zmien ghaxart ijiem ai termini tal-Art 158 (10) tal-Kap 12. (Vide Fol 92)

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 t'April 2023 (Vide Fol 92) fejn l-attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi x'tipproduci.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 16 et seq)*** fejn spjegat illi hi iltaqghet mal-intimat aktar minn erbghin sena ilu u kienu zzewwgu fil-25 ta' Dicembru 1981. Illi minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal li llum kollha maggorenni. Tixhed illi meta zzewwgu marru jghixu fil-fond fejn l-attrici qieghda tirrisjedi fil-prezent, liema proprjeta kienet tappartjeni liz-zija ta' ommha u liema propjeta hija sussegwentement wirtet. Tishaq illi kif qabdu jikbru t-tfal, l-intimat kien ihobb jaqla'

hafna glied u paroli kemm maghha u kif ukoll mat-tfal. Kull meta kien ikun hemm okkazzjoni, dejjem kien jaqla' l-glied ghaliex kien jghidilha li kien jiehu pjacir jaraha bid-dwejjaq. Illi kien anke bieghilha polka tad-deheb li kienet ta' missierha. Illi din l-attitudni kienet saret xi haga ta' kuljum, pero' hi qatt ma marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Illi meta ma kienx isir kif jghidu hu, l-intimat mal-ewwel kien jaqla' glieda u anke jaqbad jaghti fizikament lit-tfal. Hi dejjem ittamat li is-sitwazzjoni titranga, anke ghaliex kellha tlett itfal zghar u ma setghatx tkampa wahidha.. Illi pero' madwar erba snin ilu, waqt argument bejn binhom iz-zghir u l-intimat, l-intimat kien qabad l-akbar sikkina li kellhom u mar biex jagredixxi lit-tifel. It-tifel kif ra hekk prova jahrab u l-attrici marret bejn ir-ragel u t-tifel halli ma jolqtux. Sakemm resqet biex tipprotegih, l-intimat xorta laqghat lit-tifel bis-sikkina fuq idejh. L-intimat baqa jigri wara t-tifel u beda jghajjat li ried joqtlu. Wara dan l-episodju, kienu telghu l-Qorti, imma ghaliex hi dejjem baqghet tittama li l-familja tinghaqad, kienet hafret lil zewgha b'dana li kellu jfittex l-ghajnuna, u filfatt kienet haditu ghand psikjatra. Illi minn hemm indunaw li l-intimat ma kienx f'qaghda ta' sahha mentali stabbli. Illi wara perjodu ta' xahrejn mis-sentenza, l-intimat rega' beda jheddihom u kien ghalhekk li gie deciza li jinbaghat Mount Carmel ghal kura. L-attrici tishaq illi minn wara dana l-episodju, hija kienet qieghda tghix f'biza kontinwa li l-intimat ser jaggrediha u li dak li kien jhediddha bih, kien ser jigi attwat.

F'Mejju tas-sena 2020, kienet skadiet l-Probation Order u l-intimat kien qalilha li kien sejjer Ghawdex ma' hutu u hi kienet qaltlu li ahjar jerga' jahsiba minhabba li kien vulnerabbli u li kien hawn il-Covid. Kif qaltlu hekk, qabadha minn ghonqha u pprova jifgaha. Dak il-hin inzerta dahal it-tifel fil-kcina u kien hu li qalghu minn fuqha. Illi wara dan kollu cemplet Mount Carmel, fejn qalulha ccempel il-clinic ghat-tabiba, li kien mar ghandhom akkumpanjat minn pulizija li hadu lill-intimat l-Isptar Mount Carmel. Illi minn Mount Carmel kien icempilha jheddidha illi din mhux ser tieqaf hawn u li la jigi lura ser jpattilha. Illi sahanistra binha spicca gie aggredit minn wiehed minn hut l-intimat.

Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti, l-attrici spjegat illi, id-dar matrimonjali hija wirt u ghalhekk hija parafernali taghha. Illi f'din id-dar kienu saru xi xoghlijiet u kienu xtraw l-ghamara. Illi kienu ukoll xtraw karozza, liema vettura l-intimat kien biegh. Illi hemm ukoll xi kontijiet bankarji f'isimhom it-tnejn.

***Iben il-partijiet, KC xehed permezz ta' affidavit vide fol 20 et seq*** u spjega illi minn meta kien ghadu zghir, dejjem jiftakar li ma kellux relazzjoni tajba ma' missieru. Jiftakar illi missieru kien dejjem joqghod jghajjru u malli kien jghidlu xi haga, missieru kien itih xebgha. Dawn l-affarijiet

kien jaghmilhom kemm id-dar u anke barra quddiem in-nies. Izid illi meta l-genituri tieghu kienu jaqblu li ser jixtrulu xi gugarell, minkejja li x-xhud kien jghazel il-karozza li jkun jixtieq, missieru kien jaghzel wahda li jrid hu alavolja l-prezz kien ikun l-istess, imma basta kienet tghaddi tieghu. Jirrakonta illi meta kien ikun qieghed jaghmel il-homework jew jistudja, missieru kien joqghod ikanta, jew jiftah it-*television full on* biex itelfu. Illi kemm il-darba kien anke jaghlaqlu l-laptop u kien jitlef dak ix-xoghol kollu li jkun ghamel. Meta kien igib lil xi hadd minn shabu d-dar, missieru kien joqghod iwaqqghu ghac-cajt b'dana illi x-xhud kien ihossu spiss umiljat. Dan kien isehh ukoll jekk missieru kien jara lil xi hadd minn shabu barra, u jibda jghid kontrih. Illi l-istess kien jaghmel meta gieli gab xi tfajla d-dar. Illi missieru kien dejjem ki jheddu b'dak li jista jigri meta xi darba ha taqbizlu. Illi filfatt dan gara fil-2017, meta kien qieghed id-dar jara film mat-tfajla. Infatti, missieru kien qaghad jitkellem fuq it-tfajla li kellu qabel u minkejja li talbu biex jieqaf, aktar kompla jghid. Kif irrispondih lura, missieru qabad l-akbar sikkina u aggredih biha. Filfatt kien tah daqqa f'idu u beda jghajjat illi qabel jaghtih daqqa ta' sikkina go sidru mhux ser joqghod kwiet. Jistqarr illi hu kien jisma t-theddid kontinwu ta' missier fil-konfront ta' ommu, fejn kien jheddidha illi ser ikissrilha sninha, u joqtolha jekk ma taghmilx dak li jghidilha. Illi f' Mejju tas-sena 2020, kien qieghed id-dar u kien sema ghajjat gej mill-kcina, kif mar fil-kcina sab lil-missieru jaqbad l-ommu minn ghonqha. Dak il-hin huwa mar u nehheha idejn missieru minn fuqha ghaliex kien ha jifgaha. Dak il-hin qallu li zgur ha jaghmillu aghar mid-daqqa ta' sikkina u ommu kienet qaltlu biex jitlaq 'l barra. Illi aktar tard ommu kienet infurmatu illi kienu hadu lil missieru Mount Carmel. Illi wara dan l-episodju, ix-xhud jishaq illi beda jicrievi messaggi minghand hu missieru, fejn dan beda jghajjru, u joffendih u anke beda jghidlu biex jiltaqghu ghall-glie. Sahansitra, darba minnhom sab lil zijuh wara l-bieb u gie dritt ghal fuqu u qabad ixejjer idu biex jaghtih. Izid illi matul hajtu ra lil ommu, hutu u lilu nnifsu jbatu minhabba missieru u ma jistax ikun li jibqghu jghixu f'biza kontinwa li xi darba missierhom ser joqtol lil xi hadd minnhom.

***RC S, bint il-partijiet, xehdet permezz ta' affidavit, (vide fol 22 et seq)*** fejn spjegat illi minn meta kienet tifla zghira, tiftakar lil missierha dejjem jaqla' l-paroli, u kollox irrid isir kif jghid hu. Izzid illi kien ihobb idahhaq lin-nies bihom u meta darba minnhom ma kienitx marret tajjeb fl-ezamijiet kien qaghad idahhaq lil ommu biha, u qalilha illi marret gabet 'D' ghal "donkey". Tixhed illi missierha kien jew kollox kif jghid hu inkellha kien jaqbad itihom. Meta kienet tfajla kien joqod jivvinta u jghid lin nies li gharusa ma' ghami, zopp u trux biex iwaqqaha ghac-cajt man-nies. Meta kellha xi sbatax- il sena u wara il-hafna paroli li kien jghid, kienet irrisponditu lura, kien ta daqqa' fuq wiccha u kien ghamilha ***blackeye.*** Din ma kienitx l-unika darba li refa' jdejh fuqha. Tispjega illi kien jitratta hazin hafna lil ommha, minnkejja li hi kienet tlestilu kollox. Meta kienet gharusa kien joqghod jigi jitfilhom it-television, biex jaqla' xi glieda. Darba minnhom kien anke kecciha

mid-dar meta kienet tqila u marret izzur l-ommha, u dana wara li staqsietu ghalfejn joqoghod jghajjar l-ommha. Xi erba' snin ilu, kienet qieghda d-dar u kienet semghat hafna ghajjat fit-tarag, fejn it-tfajla ta' huha qaltilha biex tinzel tigri ghaliex missierha kien qieghed jagredixxi bis-sikkina lil huha. Dak iz-zmien kellha t-tfal zghar u kien werwirhom. Minn dak iz-zmien l-hawn missierha aktar grava u kienet tisimghu jiggieled m'ommha u jheddidha. Kienet spiccat b'hafna stress ghaliex kienet toqoghod tissemma biex tara li ma jaggredix lil ommha.

Anke man-neputijiet, kien joqghod jghajjarhom u jiggieled maghhom minkejja li ghadhom zghar u anke prova jaghtihom xi daqqiet tant li darba minnhom ta gambetta u waqqa lit-tifel il-kbir taghha. F'Mejju tas-sena 2020 kienet semghat hafna ghajjat, ommha kienet qaltilha li kien prova jifgaha u kienu marru l-Pulzija jigbruh.

***JC M it-tifla l-ohra tal-partijiet, xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 24 et seq)*** u spjegat illi minn meta kienet zghir lil missierha dejjem tafu jaqla l-paroli ghalxejn, u kull meta kienu imorru xmkien, dejjem kien ikun irrid jaqla' xi glieda. Izzid illi kien dejjem idahhaq lin-nies bihom u meta kienu jirrisponduh lura, kien dejjem jaghtihom xeba. Minn dejjem tafu ma jirrispettax l-ommha u kien jiggieled maghha ghalxejn. Meta kienet ghamlet l-*engagement* qabel izzewwget, kienu ghamlu *party* id-dar t' ommha, u ried ikecci lil kulhadd biex imur jorqod ghaliex l-ghada ried imur l-ghalqa ma' hutu. Meta kien wasal biex ikollha t-tarbija taghha, inzertat kienet ghand ommha, u kif qabadha l-ugieh u qaltlu biex ibaxxi t-television, kien qabad jghajjat u keccieha mid-dar. Dejjem tisimghu jiggieled u jghajjat maghha.

Tishaq illi incidenti sejri mhux darba inqalghu, u tixhed illi darba kien ta daqqa' ta' sikkina lil huha ghalxejn, u darba prova jifga lill-ommha. Illi f'Mejju 2020, kellhom jigu l-Pulizija ghal missierha, tant illi wiehed min hutu wara li ghamel gurnata jheddihom u jibatilghom il-messaggi, mar ghandhom id-dar, u qabad jaghti lil huha u lil zewgha.

***L-attrici xehdet ukoll viva voce nhar it 3 ta' Novembru 2021 (vide fol 28 et seq)*** u filwaqt li regghet ghamlet referenza ghal dak minnha spjegat fl-affidavit taghha, irrilevat illi fil-bidu kienu kuntenti ghaliex hi kienet toqghod ghal kollox, u kienet toqghod lura minn certu affarijiet. Tishaq illi kollox kellu jsir kif jghid hu, u hi kienet icedi. Illi meta kibru t-tfal imbaghad ma kienitx iccedilu dejjem imma l-affarijiet bdew aktar jiggravaw. Illi l-ewwel darba li sawwatha kien madwar sitt snin qabel it-testimonjanza taghha. Tixhed illi kif appena xi hadd mit-tfal kien ilissen kelma li ma toghgbux, kien jibaghthom l' hemm ghaliex hu kien jiehu pjacir jaraha imdejqa lilha. Tirrileva illi kien jizvoga l-aktar fit-tfal u kien jaghtihom daqqa go halqhom, ghaliex kienu

jirrisponduh xi naqra, kien joqghod jiddihak bit-tfal stess, ma' familtu. Gieli ommu u ohtu kienu jsikktuh.

L-attrici regghet irrakontat meta l-intimat kien ghamel ghal binhom b'sikkina, sikkina li kienet bejn wiehed u iehor id-daqs ta' sikkiena tal-hobz jew aktar, **fejn kien spicca ghamillu ferita li kienet tirrikjedi hmistax- il punt**. L-intimat kien wehel tliet snin *probation* peress li t-tifel kien hafirlu ghaliex hi kienet tohodhom bi kbar hafna dawn l-affarijiet. Illi ghalkemm kien jghidilha li ser jinbidel, u kienet anke tiehdu ghand psikjatra, il-psikjatra kien qalilha li hi u t-tifel qieghdin jghixu f'periklu kbir. Illi eventwalment bdew jarawh minn Mount Carmel ghaliex ma setghatx tibqa' tiehdu privat. Tispjega illi meta l-intimat kellu bejn 54-55, kien ghadda *board*, u ghalhekk kien ikun id-dar. Illi llum ghandu bejn wiehed u iehor 63-64.

F'Mejju tas-sena 2020, kien qalilha li kien sejjer Ghawdex ma' hutu u hi kienet qaltlu biex ma joqghodx jigri barra peress li hu vulnerabbli minhabba li kien fiz-zmien tal-pandemija. Illi meta qatlu hekk ghamillha idejh ma' ghonqha, u fil-pront gie binhom u nehhilu idejh. Hi ghamlet is-sinjal lil binha biex johrog mill-kamra ghaliex dak il-hin l-intimat beda jihmar u ghajnejh bdew jimbuzzaw 'l barra. Kif telaq minn hdejha, u kienet qieghda kwieta wahida, cemplet Mount Carmel, u qaltilhom b'kollox. Illi imbaghad qalulha ccempel il-clinic, u gew ghalih tabib flimkien mal-Pulizija u minn hemm marru bih Mount Carmel. Illi minn hemm l-intimat kien mar jghix ghand ohtu, u kienet anke taghthom hwejjgu. Kien ghamel hmistax ghand ohtu u kien rega mar Mount Carmel. Illi recentement kien qieghed il-home ta' Wied il-Ghajn.

Fir-rigward il-bank account, l-attrici tispjega illi l-intimat ghandu kont fejn tidhollu l-paga u kellhom kont iehor li kien kont kongunt li kien fih EUR 2500. Illi tispjega illi l-intimat kien gibed parti minn dawn il-flus hekk kif mar jirrisjedi ghand ohtu u halla biss Eur 500. Izzid illi fil-kont tieghu kienu jidhlulha xi beneficcji socjali fir-rigward mard li kienu jappartjenu lilha u kien hemm drabi fejn hadhomla sakemm irrangat biex dawn jidhlu f'kont intestate f'ismiha. Illi fil-prezent, hija qieghda tippercepixxi pensjoni ta' EUR 500 fix-xahar.

***PS 192 Ramon Godano, stazzjonat l-ghassa ta' Rahal Gdid, xehed nhar is-27 ta' Jannar 2022*** esebixxa zewg rapporti fil-konfront tal-intimat.

***Ivan Cilia, principal fi hdan, Dipartiment tas-Sigurta Socjali xehed nhar it-30 ta' Marzu 2022,*** esebixxa d-dokumentazzjoni relattiva ghall-beneficcji socjali percepiti mill-partijiet.

***In-Nutar Pierre Cassar xehed nhar is-16 ta' Frar 2023 (vide fol 88 et seq)*** u prezenta t-testment taz-zija tal-attrici.

***Stefania Calafato Testa, Assistant Registratur, in rapprezentanza tar-Registrtaur tal-Qrati Kriminali, xehdet nhar is-16 ta' Frar 2023 (vide fol 90 et seq)*** u spjegat illi nstabu tlett (3) sentenzi fil-konfront tal-intimat, kopji tal-liema gew esebiti u mmarkati bhala Doc SCT1, SCT2 u SCT3.

Il-Qorti rat in-nota ta' AC u d-dokumenti u kuntratti esebiti bhala Dok A, B u C li permezz taghhom, il-kontendenti kienu taw donazzjoni id-dar matrimonjali taghhom, cioe 42, Hompesch Road, Fgura lit-tfal taghom u dana permezz tal-kuntratti datati 22 ta' Awissu 2012 u 18 ta' Ottubru 2016 u 20 ta' Gunju 2006 vide Dok A, B u C a fol 93 et seqq.

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi l-intimat huwa kontumaci. Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech*** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghallgudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement millkontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.,*** Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghallgudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar***

> ***1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"***

*Vide* ukoll sentenza fl-ismijiet ***Joseph Aquilina noe v. Lino Debono***, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

Illi l-Qorti rat illi l-intimat ma ppresenta ebda sottomissjonijiet minkejja li inghata l-opportunita li jaghmel dan. Inoltre, tqis li ma hemmx eccezzjonijiet li ghandhom jitqanqlu ex officio.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba sevizzi, eccessi, minacci, theddid u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha, li rrendew il-hajja konjugali impossibli.

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza millPrim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 talKodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza***

> ***matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CB*** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet zzewgu fil-Knisja Parrokjali tal-Fgura fil-25 ta' Dicembru 1981 u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 5* tal-atti. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett (3) itfal li huma JC mizzewga M, RC mizzewga S u KC li huma kollha maggorenni. Illi mit-testimonjanzi in atti jidher illi l-attrici ghadha tirrisjedi fid-dar matrimonjali.

Illi nonostante l-istat ta' kontumacja tieghu, l-intimat kellu dritt illi jaghmel kontro-ezamijiet tax-xhieda prodotti u addirittura jressaq nota ta' sottomissjonijiet. Illi pero', huwa baqa' ma kkontesta bl-ebda mod il-provi prodotti minnha u naqas ukoll milli jintavola s-sottomissjonijiet tieghu minkejja l-opportunita moghtija lilu minn din il-Qorti biex jaghmel dan. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dan, din il-Qorti hija kostretta li tghaddi ghall-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Illi mit-testimonjanzi prodotti, u cioe dik tal-attrici u t-tlett ulied tal-partijiet, huwa evidenti illi z-zwieg tal-partijiet kien zwieg karaterrizzat minn glied, battibekki, u ghajjat eccessiv, zwieg fejn sakemm l-attrici kienet tbaxxi rasha ghal dak kollu li jrid u/jew jghid l-intimat kollox kien jimxi relattivament harir, izda meta l-attrici u bdiet tiqaflu ftit minhabba l-agir tieghu mat-tifel s-sitwazzjoni saret intollerabbli. Illi din il-Qorti rat illi filwaqt li l-intimat hekk kif tfarfru ftit l-ulied beda jizvoga r-rabja tieghu maghhom, anke b'mod fiziku, l-ahhar snin tal-hajja mizzewwga, kienu snin karraterizzati min theddid kontinwu, u vjolenza kemm fizika fuq il-persuna tal-attrici u anke fuq il-persuna tal-ulied, b'mod partikolari fuq it-tifel tal-partijiet KC, liema theddid u vjolenza wasslu lill-attrici u lil KC jghixu hajjithom f'biza kontinwa ta' perikoli ghas-sahha u hajja ghall-familja taghhom. Illi din il-Qorti rat illi minkejja d-diversi opportunitajiet li l-attrici tat lil zewgha sabiex jinbidel u jfittex l-ghajnuna li huwa kellu bzonn, tant li kwazi kwazi gielghet lil binha KC jahfer lill-intimat meta l-intimat ferih b'sikkina, in-natura vendikattiva tal-intimat baqghet timmanifesta ruhha f'ghemilu.

Illi ghalhekk il-Qorti hija moralment konvinta illi z-zwieg tal-partijiet kien wiehed karatterizzat minn vjolenza verbali, psikologika u fizika, liema vjolenza kienet inflitta mill-intimat kemm fuq l-attrici, u certament fuq ulied il-partijiet kif l-istess jiddikjaraw fit-testimonjanza mhux kontradetta taghha. Din il-Qorti rat illl-intimat dejjem naqas milli jaghti dak is-sapport lill-attrici, sapport li l-ligi stess tirrikjedi li konjugi jaghtu lil xulxin u naqas ukoll mid-doveri tieghu lejn uliedu. Illi din il-Qorti rat kif it-tlett ulied, jishqu illi missierhom flok jghinhom, kien jiddiehaq bihom mal-barranin u jzeblahhom mal-familjari kif ukoll mal-hbieb. Illi dana l-agir da parti tal-intimat certament wassal lit-tfal tal-partijiet sabiex fi kliem KC, huma kienu jhossuhom umiljati.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba ingurjuza u sevizzjevoli tal-intimat fil-konfront ta' martu r-rikorrenti u tan-nuqqasijiet serji minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala ragel mizzewweg u missier tal-familja.

Illi dan gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet: **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta' Frar 2016, fejn intqal illi:

> "***M'hemmx dubju illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ifarrak u jkisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghaliex bl-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu irrendha l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet mhux biss insopportabbli izda wkoll perikoluza.***

L-attrici qieghda titlob illi jigu applikati d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodici Civili fil-konfront ta' zewgha l-intimat. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-artikolu 51 tal-Kodici Civili jistipula:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ ,għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-vjolenza fizika, emozzjonali u psikologika ipperpetrata mill-intimat kontra r-rikorrenti jissarrafu fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u huma tali li jattiraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, u ghalhekk qed jigu applikati l-effetti imsemmija f'dana z-zewg artikoli hekk kif mitlub mir-rikorrenti.

**Komunjoni tal-Akkwisti:**

*Kontijiet Bankarji:*

Din il-Qorti rat illi fit-testimonjanza taghha l-attrici indikat illi l-intimat ghandu xi kont fuq ismu, f'liema kont kienet tidholu l-paga, u kellhom ukoll kont kongunt, fejn il-partijiet kellhom EUR 2500. L-attrici tixhed illi mill-imsemmi kont, l-intimat gibed parti sostanzjali minn dawn il-flejjes hekk kif huwa mar jirrisjedi ghand ohtu, u halla biss Eur 500. Illi llum il-gurnata l-attrici ghandha ukoll kont personali intestat f'isimiha fejn hija tippercepixxi xi beneficcji socjali. Din il-Qorti

tosserva illi ma ngabu l-ebda provi oggettivi ghar-rigward.

Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tqis illi ghal kull buon fini, fl-eventwalita' li l-partijiet ghandhom kontijiet bankarji intestati f'isimhom, dawn ghandhom jigu assenjati lil dik il-parti li f'isimha huma intestati. Illi fir-rigward tal-kont kongunt, din il-Qorti tordna illi kwalsiasi bilanc rimanenti ghandu jigi assenjat lill-attrici u jigi maghluq l-akkont gunt.

*Id-Dar Matrimonjali:*

Illi mill-provi in atti, specifikament it-testment esebit min-Nutar Pierre Cassar a fol 88 tal-atti, jirrizulta illi d-dar matrimonjali kienet intirtet mill-attrici, u ghalhekk hija propjeta parafernali taghha.

Il-Qorti tordna illi kwalsiasi l-kontijiet dovuti ghas-servizzi ta' dawl u ilma, manutenzjoni tal-imsemmi fond, home insurance, dawk tal-internet, telephone, television, etc ghandhom ikunu a karigu tal-attrici mid-data tal-allontament tal-intimat mid-dar matrimonjali, stante li l-istess attrici ilha minn dak iz-zmien tokkupa d-dar matrimonjali b'mod esklussiv u  ser tkun qieghda tabita fl-imsemmi fond ad esklusjoni tal-intimat.

*Assi Parafernali Ohra:*

Illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, dawn ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.

*Manteniment ghall-Attrici*

Fir-rigward din il-Qorti rat illi l-attrici mhiex qieghda titlob manteniment ghaliha, illi pero' u in vista tac-cirkostanzi li waslu ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet, din il-Qorti tirriserva lill-attrici id-dritt li titlob manteniment minghand l-intimat, u dan kuntrarjament ghall-intimat li kif rilevat aktar qabel, huwa hati tat-tifrik ta' zwieg ergo ddekada minn tali dritt.

*Djun:*

Illi ghal kull buon fini din il-Qorti tordna illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalsiasi djun jew obbligi ohra li l-istess parti tkun ikontrattat.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat;**

2. **Tilqa' it-tieni talba u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut;**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tapplika kontra l-intimat l-effetti kollha tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tiddikjara d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli**;

4. **Tilqa' r-raba talba u u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod**;

   i. **Illi fir-rigward kontijiet bankarji, din il-Qorti, tassenja dawk il-kontijiet intestati fuq isem l-attrici, lill-attrici, filwaqt li tassenja dawk kontijiet intestati fuq isem il-konvenut lill-istess konvenut. Illi fir-rigward tal-kont kongunt indikat mill-attrici fit-testimonjanza taghha, din il-Qorti tordna illi kwalsiasi bilanc rimanenti ghandu jigi assenjat lill-attrici u l-kont kongunt ghandu jinghalaq;**

   ii. **Illi d-dar matrimonjali hija propjeta parafernali tal-attrici u ghalhekk ghandha tigi assenjata lilha, b'dana illi kwalsiasi l-kontijiet dovuti ghas-servizzi ta' dawl u ilma, manutenzjoni tal-imsemmi fond, *home insurance*, dawk tal-*internet, telephone, television*, etc ghandhom ikunu a karigu tal-attrici mid-data tal-allontament tal-intimat mid-dar matrimonjali, stante li l-istess attrici ilha minn dak iz-zmien tokkupa d-dar matrimonjali b'mod esklussiv u ser tkun qieghda tabita fl-imsemmi fond ad esklusjoni tal-intimat;**

   iii. **Illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, qed jigu assenjati lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi bl-istess mod, u fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu**

**jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lill-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti u dana fi zmien xahar minn din is-sentenza.**

iv. **Illi ghal kull buon fini din il-Qorti tordna illi kull parti responsabbli ghal kwalsiasi djun jew obbligi ohra li l-istess parti tkun ikontrattat.**

5. **Tilqa' l-hames talba u tordna lill-intimat jikkonsenja lill-attrici kwalsiasi beni parafernali taghha li jinsabu fil-pussess tieghu fi zmien xahar;**

6. **Tilqa' s-sitt talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku;**

7. **Tirriserva ghall-attrici id-dritt li titlob manteniment minghand l-intimat, u dan kuntrarjament ghall-intimat li kif rilevat, instab responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u ghalhekk ddekada minn tali dritt.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**